Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B **IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 992/95**

tal-10 ta' April 1995

li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti tat-tariffi tal-Komunità għall-ċerti prodotti agrikoli u tas-sajd li joriġinaw fin-Norveġja

(ĠU L 101, 4.5.1995, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3061/95 tat-22 ta' Diċembru 1995	L 327	1	30.12.1995
►M2	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1329/2003 tal-21 ta' Lulju 2003	L 187	1	26.7.2003
►M3	Council Regulation (EC) No 1920/2004 of 25 October 2004 (*)	L 331	1	5.11.2004
►M4	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1337/2007 tal-15 ta' Novembru 2007	L 298	6	16.11.2007
►M5	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 230/2011 tad-9 ta' Marzu 2011	L 63	2	10.3.2011
►M6	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 291/2012 tat-2 ta' April 2012	L 96	1	3.4.2012
►M7	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 726/2014 tat-30 ta' Ġunju 2014	L 192	41	1.7.2014
►M8	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1422 tal-24 ta' Awwissu 2016	L 231	1	26.8.2016

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 345, 23.12.2008, p. 115 (1337/2007)

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 992/95

tal-10 ta' April 1995

li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti tat-tariffi tal-Komunità għall-ċerti prodotti agrikoli u tas-sajd li joriġinaw fin-Norveġja

▼M5

Artikolu 1

1. Meta l-prodotti li joriġinaw fin-Norveġja li huma elenkati fl-Anness jitqiegħdu f'ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni Ewropea, huma għandhom ikunu eliġibbli għal eżenzjoni mid-dazji doganali fi ħdan il-limitu tal-kwoti tat-tariffi, matul il-perjodi u skont id-dispożizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.

▼M8

_____

3. Għandu japplika l-Protokoll 3 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, kif emendati bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt bejn l-UE u n-Norveġja Nru 1/2016 ([1]).

▼M5

4. Il-benefiċċju tal-kwoti tat-tariffi bin-numri tal-ordni 09.0710 u 09.0712 ma għandux jingħata lil oġġetti ddikjarati li huma għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fil-perjodu mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Ġunju. Barra minn hekk, il-benefiċċju tal-kwota tat-tariffi bin-numru tal-ordni 09.0714 ma għandux jingħata li oġġetti tal-Kodiċi tan-NM 0304 99 23 ddikjarata għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fil-perjodu bejn il-15 ta' Frar u l-15 ta' Ġunju.

▼M4

Artikolu 2

Il-kwoti tariffarji bin-numbri ta' l-ordni 09.0745 u 09.0758 elenkati fl-Anness I ma għandhomx japplikaw għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2008.

▼M8

_____

Artikolu 3

Il-kwoti tariffarji stabbiliti f'dan ir-Regolament għandhom jiġu amministrati f'konformità mal-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([2]).

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt bejn l-UE u n-Norveġja Nru 1/2016 tat-8 ta' Frar 2016 li temenda l-Protokoll 3 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva (ĠU L 72, 17.3.2016, p. 63).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

▼B

Artikolu 4

Kull Stat Membru għandu jiggarantixxi l-importaturi tal-prodotti in kwistjoni aċċess ugwali u kontinwu għall-kwoti sakemm jippermetti l-bilanċ tal-volum tal-kwota korrispondenti.

Artikolu 5

1. Id-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, partikolarment:

(a) l-emendi u l-adattamenti tekniċi, safejn meħtieġa, li joħroġu minn emendi tan-nomenklatura maqgħuda u tal-kodiċijiet *Taric*; u

(b) l-adattamenti meħtieġa tal-volum, perjodi u dazji tal-kwota li joħorġu minn deċiżjonijiet adottati mill-Kunsill;

għandhom ikunu adottati skond il-proċedura preskritta f'Artikolu 6(2).

2. Id-dispożizzjonijiet adottati bis-saħħa tal-paragrafu 1 ma jawtorizzawx il-Kummissjoni li:

— tgħaddi kwantitajiet preferenzjali minn kwota tal-perjodu waħda għall-oħra,

— temenda l-iskedi preskritti fil-Ftehim,

— tittrasferixxi kwantitajiet minn kwota għall-oħra,

— tiftaħ u tamministra kwoti li jirriżultaw minn ftehim ġdid.

Artikolu 6

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali stabbilit b'Artikolu 247 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 ([1]).

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jressaq quddiem il-Kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fuq l-abbozz fil-limitu taż-żmien li l-President tiegħu jista' jistabbilixxi skond l-urġenza tal-materja. L-opinjoni għandha tingħata mill-maġġoranza stabbilita fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat fil-każ tad-deċiżjonijiet li l-Kunsill ikun meħtieġ li jadotta fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti tal-Istati Membri ġewwa l-Komunità għandhom ikunu mwieżna bil-mod spjegat f'dak l-Artikolu. Il-President m'għandux jivvota.

Il-Kummissjoni għandha tadotta il-miżuri, li japplikaw minnufih. Iżda, jekk dawn il-miżuri ma jkunux skond l-opinjoni tal-Kumitat, għandhom jiġu komunikati mill-Kummissjoni lill-Kunsill minnufih. F'dak il-każ:

([1]) ĠU L 302, 19.10.1992, p.1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 (ĠU L 253, 11.10.1993, p.1)

▼B

— il-Kummissjoni għandha tippostponi l-applikazzjoni tal-miżuri li ddeċidiet għall-tliet xhur mid-data ta' din il-komunikazzjoni,

— il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni differenti f'perjodu msemmi fl-inċiż ta' qabel.

3. Il-Kumitat jista' jeżamina kull kwistjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament li titqajjem mill-president tiegħu jew fuq l-inizjattiva tiegħu jew fuq talba ta' Stat Membru.

Artikolu 7

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw mill-qrib biex jiżguraw li dan ir-Regolament huwa mħares.

Artikolu 8

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 1995 għall-perjodu sħiħ ta' validità tal-Ftehim fil-forma ta' bdil ta' ittri man-Norveġja, approvat rispettivament bid-Deċiżjonijiet 86/557/u 93/737/KE.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M8

ANNESS

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem użat għad-deskrizzjoni tal-prodotti għandu jitqies bħala kliem ta' valur indikattiv biss, bl-iskema preferenzjali tkun deċiża, fil-kuntest ta' dan l-Anness, permezz tal-kopertura tal-kodiċijiet tan-NM kif ikunu meta jiġi adottat dan ir-Regolament. Fejn jiġu indikati ex kodiċijiet tan-NM, l-iskema preferenzjali għandha tiġi ddeterminata permezz tal-applikazzjoni tal-kodiċi tan-NM u d-deskrizzjoni korrispondenti meħudin flimkien.

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
09.0701	ex 1504 20 10 ex 1504 30 10	90 99	Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom ta' annimali tal-baħar, ħlief żejt tal-baleni u żejt mill-baleni tat-tip Physeter macrocephaluss, f'imballaġ b'kapaċità netta ta' aktar minn 1 kg	Mill-1.1 sal-31.12	1 000	8,5
09.0702	0303 19 00		*Salmonidae* ffriżat ieħor, eskluż l-fletti tal-ħut u laħam ieħor tal-ħut tal-intestatura 0304 u eskluż l-fwied u l-bajd	Mill-1.9.2016 sat-30.4.2017 Mill-1.5.2017 sat-30.4.2018 Mill-1.5.2018 sat-30.4.2019 Mill-1.5.2019 sat-30.4.2020 Mill-1.5.2020 sat-30.4.2021	2 000 3 000 3 000 3 000 3 000	0
09.0703	ex 0305 51 90 ex 0305 59 10	10 20 90	Merluzz imnixxef, immellaħ iżda mhux affumikat, eskluż il-merluzz tal-ispeċi *Gadus macrocephalus* Ħut imnixxef, immellaħ iżda mhux affumikat tal-ispeċi *Boreogadus saida*	Mill-1.4 sal-31.12	13 250	0
09.0710	0303 51 00		Aringi *(Clupea harengus, Clupea pallasii)*, iffriżati, eskluż l-fletti tal-ħut u laħam ieħor tal-ħut tal-intestatura 0304 u eskluż l-fwied u l-bajd [1]	Mill-1.9.2016 sat-30.4.2017 Mill-1.5.2017 sat-30.4.2018 Mill-1.5.2018 sat-30.4.2019 Mill-1.5.2019 sat-30.4.2020 Mill-1.5.2020 sat-30.4.2021	26 500 39 750 39 750 39 750 39 750	0

▼M8

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
09.0711			Ħut ippreparat jew ippreżervat:	Mill-1.1 sal-31.12	400	3
	ex 1604 13 90	91 92 99	Sardinella, aringi żgħar jew spratt, eskluż l-fletti nejjin miksijin biss b'taħlita ta' bajd u dqiq jew bil-frak tal-ħobż, kemm jekk moqlijin fiż-żejt minn qabel jew le, iffriżati			
	1604 17 00		Sallur			
	1604 19 92		Merluzz (*Gadus morhua*, *Gadus ogac*, *Gadus macrocephalus*)			
	ex 1604 19 93	90	Merlangu (*Pollachius virens*), eskluż il-merlangu affumikat			
	1604 19 94		Marlozz (*Merluccius* spp., *Urophycis* spp.)			
	1604 19 95		Pollakkju tal-Alaska (*Theragra chalcogramma*) u pollakkju (*Pollachius pollachius*)			
	1604 19 97		Oħrajn			
	ex 1604 20 90	30 35 50 60 90	Ħut ieħor ippreparat jew ippreżervat, eskluż l-aringi, il-kavalli u l-merlangu affumikat ippreżervat			
	ex 1604 20 90	40	Kavalli ppreparati jew ippreżervati (*Scomber australasicus*)			10
09.0712	0303 54 10		Kavalli tal-ispeċi S*comber scombrus* jew *Scomber japonicus*, iffriżati, eskluż l-fletti tal-ħut u laħam ieħor tal-ħut tal-intestatura 0304 u eskluż l-fwied u l-bajd	Mill-1.9.2016 sat-30.4.2017	25 000	0
				Mill-1.5.2017 sat-30.4.2018	37 500	
				Mill-1.5.2018 sat-30.4.2019	37 500	
				Mill-1.5.2019 sat-30.4.2020	37 500	
				Mill-1.5.2020 sat-30.4.2021	37 500	

▼M8

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
09.0713			Iffriżat, eskluż l-fletti tal-ħut u laħam ieħor tal-ħut tal-intestatura 0304 u eskluż il-fwied u l-bajd:	Mill-1.9.2016 sat-30.4.2017	2 200	0
	0303 55 30		Sawrell taċ-Ċile (*Trachurus murphyi*)	Mill-1.5.2017 sat-30.4.2018	3 300	
	ex 0303 55 90	90	Ħut ieħor ta' *Trachurus* spp., eskluż *Trachurus trachurus, Trachurus murphyi* u s-sawrell (scad) (*Caranx trachurus*)	Mill-1.5.2018 sat-30.4.2019	3 300	
	0303 56 00		Cobia (*Rachycentron canadum*)	Mill-1.5.2019 sat-30.4.2020	3 300	
	0303 69 90 0303 89 90		Ħut ieħor	Mill-1.5.2020 sat-30.4.2021	3 300	
	0303 82 00		Raj (*Rajidae*)			
	0303 89 55		Awrat (*Sparus aurata*)			
09.0714	0304 86 00		Fletti tal-aringi (*Clupea harengus, Clupea pallasii*), iffriżati	Mill-1.9.2016 sat-30.4.2017	55 600	0
	ex 0304 99 23	10 20 30	Ġwienaħ tal-aringi (*Clupea harengus, Clupea pallasii*) (maqtugħin irqaq), iffriżati (2)	Mill-1.5.2017 sat-30.4.2018	83 400	
				Mill-1.5.2018 sat-30.4.2019	83 400	
				Mill-1.5.2019 sat-30.4.2020	83 400	
				Mill-1.5.2020 sat-30.4.2021	83 400	
09.0715	0302 11		Trot (*Salmo trutta, Oncorhynchus mykiss, Oncorhynchus clarki, Oncorhynchus aguabonita, Oncorhynchus gilae, Oncorhynchus apache* u *Oncorhynchus chrysogaster*), frisk jew imkessħin, eskluż l-fletti tal-ħut u laħam ieħor tal-ħut tal-intestatura 0304 u eskluż l-fwied u l-bajd	Mill-1.1 sal-31.12	500	0
	0303 14		Troti (*Salmo trutta, Oncorhynchus mykiss, Oncorhynchus clarki, Oncorhynchus aguabonita, Oncorhynchus gilae, Oncorhynchus apache* u *Oncorhynchus chrysogaster*), iffriżati, eskluż l-fletti tal-ħut u laħam ieħor tal-ħut tal-intestatura 0304 u eskluż l-fwied u l-bajd			

▼M8

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
09.0716	0302 13 00 0302 14 00		Salamun tal-Paċifiku *(Oncorhynchus nerka*, *Oncorhynchus gorbuscha*, *Oncorhynchus keta*, *Oncorhynchus tschawytscha*, *Oncorhynchus kisutch*, *Oncorhynchus masou* u *Oncorhynchus rhodurus)*, salamun tal-Atlantiku (*Salmo salar*) u salamun tad-Danubju (*Hucho hucho*), friski jew imkessħa, eskluż l-fletti tal-ħut u laħam ieħor tal-ħut tal-intestatura 0304 u eskluż l-fwied u l-bajd	Mill-1.1 sal-31.12	6 100	0
09.0717			Iffriżat, eskluż l-fletti tal-ħut u laħam ieħor tal-ħut tal-intestatura 0304 u eskluż il-fwied u l-bajd:	Mill-1.1 sal-31.12	580	0
	0303 11 00		Salamun dahru blu tal-Alaska (salamun aħmar) (*Oncorhynchus nerka*)			
	0303 12 00		Salamun tal-Paċifiku ieħor (*Oncorhynchus gorbuscha, Oncorhynchus keta, Oncorhynchus tschawytscha, Oncorhynchus kisutch, Oncorhynchus masou* u *Oncorhynchus rhodurus*)			
	ex 0303 13 00	10	Salamun tal-Atlantiku (*Salmo salar*)			
09.0718	0304 41 00 0304 81 00		Fletti tas-salamun tal-Paċifiku friski, imkessħa jew iffriżati (*Oncorhynchus nerka, Oncorhynchus gorbuscha, Oncorhynchus keta, Oncorhynchus tschawytscha, Oncorhynchus kisutch, Oncorhynchus masou* u *Oncorhynchus rhodurus*), salamun tal-Atlantiku (*Salmo salar*) u salamun tad-Danubju (*Hucho hucho*)	Mill-1.1 sal-31.12	610	0
09.0719	0302 19 00		*Salmonidae* ieħor, frisk jew imkessaħ, eskluż l-fwied u l-bajd	Mill-1.1 sal-31.12	670	0
	0303 19 00		*Salmonidae* ffriżat ieħor, eskluż l-fwied u l-bajd			
09.0720	0302 59 40		Molvi (*Molva* spp.), frisk jew imkessaħ, eskluż l-fwied u l-bajd	Mill-1.1 sal-31.12	370	0
09.0721			Iffriżat jew imkessaħ, eskluż l-fletti tal-ħut u laħam ieħor tal-ħut tal-intestatura 0304 u eskluż l-fwied u l-bajd:	Mill-1.1 sal-31.12	250	0

▼M8

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
	0302 22 00		Barbun (*Pleuronectes platessa*)			
	0302 23 00		Lingwata (*Solea* spp.)			
	0302 29		Megrim (*Lepidorhombus* spp.) u ħut ieħor ċatt			
	0302 45		Sawrell (*Trachurus* spp.)			
	0302 46 00		Cobia (*Rachycentron canadum*)			
	0302 47 00		Pixxispad (*Xiphias gladius*)			
	0302 54		Marlozz (*Merluccius* spp., *Urophycis* spp.)			
	ex 0302 56 00	20	Merlangu ikħal (*Micromesistius australis*)			
	0302 59 90		Ħut ieħor tal-familji Bregmacerotidae, Euclichthyidae, Gadidae, Macrouridae, Melanonidae, Merlucciidae, Moridae u Muraenolepididae			
	0302 82 00		Raj (Rajidae)			
	0302 83 00		Ħut tas-sinna (*Dissostichus* spp.)			
	0302 84		Spnott (*Dicentrarchus* spp.)			
	0302 85 30		Awrat (*Sparus aurata*)			
	0302 85 90		Awrat ieħor (Sparidae) eskluż l-ispeċijiet *Dentex dentex* jew *Pagellus* spp			
	0302 89 50		Petriċa (*Lophius* spp.)			
	0302 89 60		*Pink cusk-eel* (*Genypterus blacodes)*			
	0302 89 90		Ħut ieħor			
			Ħut ċatt iffriżat, eskluż l-fletti tal-ħut u laħam ieħor tal-ħut tal-intestatura 0304 u eskluż il-fwied u l-bajd:			

▼M8

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
	0303 34 00		Barbun Imperjali (*Psetta maxima*)			
	0303 39 10		Barbun tal-għajna (*Platichthys flesus*)			
	0303 39 30		Ħut tal-ġeneru *Rhombosolea*			
	0303 39 85		Ħut ċatt ieħor, eskluż l-ħalibatt, il-barbun tat-tbajja', il-lingwata, il-barbun imperjali, il-barbun, il-ħut tal-ġeneru *Rhombosolea* u l-ħut tal-ispeċi *Pelotreis flavilatus* jew *Peltorhamphus novaezelandiae*			
09.0722			Laħam iffriżat ta':	Mill-1.1 sal-31.12	500	0
	0304 91 00		Pixxispad (*Xiphias gladius*)			
	0304 94 90		Pollakkju tal-Alaska (*Theragra chalcogramma*), eskluż is-surimi			
	ex 0304 95		Ħut mill-familji Bregmacerotidae, Euclichthyidae, Gadidae, Macrouridae, Melanonidae, Merlucciidae, Moridae u Muraenolepididae, minbarra Pollakkju tal-Alaska (Theragra chalcogramma), eskluż is-surimi tas-subintestatura 0304 95 10			
	ex 0304 99 99	20 25 30 40 50 65 69 70 90	Ħut ieħor, eskluż is-surimi u l-ħut tal-ilma ħelu u eskluż il-kavalli (*Scomber scombrus, Scomber australasicus, Scomber japonicus*)			
09.0723	0302 41 00 0303 51 00		Aringi (*Clupea harengus, Clupea pallasii*), friski, imkessħin jew iffriżati, eskluži l-fwied u l-bajd	Mis-16.6 sal-14.2	800	0
09.0724	0302 44 00		Kavalli (S*comber scombrus, Scomber australasicus, Scomber japonicus*), frisk jew imkessaħ, eskluži l-fwied u l-bajd	Mis-16.6 sal-14.2	260	0

▼M8

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
09.0725	0303 54 10		Kavalli (S*comber scombrus, Scomber japonicus*), iffriżati, eskluż l-fwied u l-bajd	Mis-16.6 sal-14.2	30 600	0
09.0726	0302 89 31 0302 89 39 0303 89 31 0303 89 39		Redfish (*Sebastes* spp.), frisk, imkessaħ jew iffriżat, eskluż l-fwied u l-bajd	Mill-1.1 sal-31.12	130	0
09.0727			Fletti friski, imkessħa jew iffriżati ta':	Mill-1.1 sal-31.12	110	0
	0304 31 00 0304 61 00		Tilapja (*Oreochromis* spp.)			
	0304 32 00 0304 62 00		Lupu tal-baħar (*Pangasius* spp., *Silurus* spp., *Clarias* spp., *Ictalurus* spp.)			
	0304 33 00 0304 63 00		Burqax tan-Nil (*Lates niloticus*)			
	0304 39 00 0304 69 00		Karpjun (*Cyprinus carpio*, *Carassius carassius*, *Ctenopharyngodon idellus*, *Hypophthalmichthys* spp., *Cirrhinus* spp., *Mylopharyngodon piceus*), sallur (*Anguilla* spp.), u rjus is-serp (*Channa* spp.)			
	0304 42 50 0304 82 50		Troti tal-ispeċi *Oncorhynchus apache* jew *Oncorhynchus chrysogaster*			
	0304 49 10 0304 89 10		Ħut ieħor tal-ilma ħelu			
09.0728			Fletti friski jew imkessħa ta':	Mill-1.1 sal-31.12	180	0
	0304 44 30		Merlangu (*Pollachius virens*)			
	0304 45 00		Pixxispad (*Xiphias gladius*)			
	0304 46 00		Ħut tas-sinna (*Dissostichus* spp.)			
	0304 49 50		Redfish (*Sebastes* spp.)			
	0304 49 90		Ħut ieħor			

▼M8

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
09.0729	0304 53 00 0304 59 90		Laħam tal-ħut frisk jew imkessaħ (sew jekk ikkapuljat sew jekk le) mill-familji Bregmacerotidae, Euclichthyidae, Gadidae, Macrouridae, Melanonidae, Merlucciidae, Moridae u Muraenolepididae u ta' ħut ieħor ħlief ħut tal-ilma ħelu	Mill-1.1 sal-31.12	130	0
	0304 59 50		Ġwienaħ tal-aringi, friski jew imkessħin ([3])			
09.0730			Fletti ffriżati ta':	Mill-1.1 sal-31.12	9 000	0
	0304 71		Merluzz (*Gadus morhua*, *Gadus ogac*, *Gadus macrocephalus*)			
	0304 72 00		Haddock (*Melanogrammus aeglefinus)*			
	0304 73 00		Merlangu (*Pollachius virens*)			
	0304 74		Marlozz (*Merluccius* spp., *Urophycis* spp.)			
	0304 75 00		Pollakkju tal-Alaska (*Theragra chalcogramma*)			
	0304 79 10		Ħut tal-ispeċi *Boreogadus saida*			
	0304 79 50		Grenadier ikħal (*Macruronus novaezelandiae*)			
	0304 79 90		Ħut ieħor			
	0304 83 10		Barbun (*Pleuronectes platessa*)			
	ex 0304 83 90	10 90	Ħut ieħor ċatt, eskluži *Limanda aspera*, *Lepidopsetta bilineata*, *Pleuronectes quadrituberculatus, Limanda ferruginea*, *Lepidopsetta polyxystra*			
	0304 84 00		Pixxispad (*Xiphias gladius*)			
	0304 85 00		Ħut tas-sinna (*Dissostichus* spp.)			
	0304 89 21 0304 89 29		Redfish (*Sebastes* spp.)			
	0304 89 60		Petriċa (*Lophius* spp.)			

▼M8

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
	ex 0304 89 90	10 30 40 50 60 90	Ħut ieħor, eskluż il-pixxiluna (*Brama* spp.)			
09.0731	ex 0305 20 00	11 18 19 21 30 73 75 77 79 99	Fwied u bajd tal-ħut, imnixxfin, immelħin jew fis-salmura, iżda mhux affumikati	Mill-1.1 sal-31.12	1 900	0
09.0732	0305 41 00		Salamun tal-Paċifiku affumikat (*Oncorhynchus nerka, Oncorhynchus gorbuscha, Oncorhynchus keta, Oncorhynchus tschawytscha, Oncorhynchus kisutch, Oncorhynchus masou* u *Oncorhynchus rhodurus*), salamun tal-Atlantiku (*Salmo salar*) u salamun tad-Danubju (*Hucho hucho*), inklużi l-fletti, ħlief ġewwieni tal-ħut li jittiekel	Mill-1.1 sal-31.12	450	0
09.0733	0305 42 00 0305 43 00 0305 44 0305 49		Ħut affumikat ħlief is-Salamun tal-Paċifiku (*Oncorhynchus nerka*, *Oncorhynchus gorbuscha*, *Oncorhynchus keta*, *Oncorhynchus tschawytscha*, *Oncorhynchus kisutch*, *Oncorhynchus masou* u *Oncorhynchus rhodurus*), salamun tal-Atlantiku (*Salmo salar*) u salamun tad-Danubju (*Hucho hucho*), inklużi l-fletti, ħlief ġewwieni li jittiekel	Mill-1.1 sal-31.12	140	0
	0305 71 10		Xewk tal-klieb il-baħar affumikat			

▼M8

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
09.0734			Ħut, bil-melħ iżda mhux imnixxef jew affumikat u ħut fis-salmura, ħlief il-ġewwieni tal-ħut li jittiekel:	Mill-1.1 sal-31.12	250	0
	0305 64 00		Tilapja (*Oreochromis* spp.), lupu tal-baħar (*Pangasius* spp., *Silurus* spp., *Clarias* spp., *Ictalurus* spp.), karpjun (*Cyprinus carpio, Carassius carassius, Ctenopharyngodon idellus, Hypophthalmichthys* spp., *Cirrhinus* spp., *Mylopharyngodon piceus*), sallur (*Anguilla* spp.), burqax tan-Nil (*Lates niloticus*) u rjus is-serp (*Channa* spp.)			
	ex 0305 69 80	20 30 40 50 61 64 65 67 90	Ħut ieħor, eskluż l-Ħalibatt żgħir jew tal-Groenlandja (*Reinhardtius hippoglossoides*), u l-Ħalibatt tal-Paċifiku (*Hippoglossus stenolepis*)			
	0305 71 90		Xewk tal-klieb il-baħar mhux affumikat			
09.0735	0305 61 00		Aringi (*Clupea harengus, Clupea pallasii*), immelħin iżda mhux imnixxfin jew affumikati, u aringi fis-salmura, ħlief il-ġewwieni tal-ħut li jittiekel	Mill-1.1 sal-31.12	1 440	0
09.0736	0306 15 90		Awwisti tan-Norveġja ffriżati (*Nephrops norvegicus*), ħlief affumikati	Mill-1.1 sal-31.12	950	0
	0306 16 99 0306 17 93		Gambli tal-familja Pandalidae iffriżati, ħlief affumikati			
09.0737	ex 0306 26 90	95	Gambli tal-familja Pandalidae, mhux iffriżati mgħollijin abbord, ħlief affumikati	Mill-1.1 sal-31.12	800	0
	ex 0306 27 91	91				
09.0738	0306 25 90		Awwisti tan-Norveġja (*Nephrops norvegicus*) mhux iffriżati, ħlief affumikati	Mill-1.1 sal-31.12	900	0

▼M8

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
	ex 0306 26 90	12 14 20 92 93 96	Gambli tal-familja Pandalidae, mhux iffriżati, ħlief affumikati, għall-ipproċessar ([4])			
	ex 0306 27 91	11 95				
09.0739	1604 11 00		Salamun ippreparat jew ippreżervat, sħiħ jew f'biċċiet, iżda mhux ikkapuljat	Mill-1.1 sal-31.12	170	0
09.0740	1604 12 91 1604 12 99		Aringi ppreparati jew ippreżervati, sħaħ jew f'biċċiet, iżda mhux ikkapuljati	Mill-1.1 sal-31.12	3 000	0
09.0741	1604 13 90		Sardinella ppreparata jew ippreżervata u aringi żgħar jew spratt, sħaħ jew f'biċċiet, iżda mhux ikkapuljati	Mill-1.1 sal-31.12	180	0
09.0742	1604 15 11 1604 15 19		Kavalli ppreparati jew ippreżervati tal-ispeċijiet *Scomber scombrus* u *Scomber japonicus*, sħaħ jew f'biċċiet, iżda mhux ikkapuljati	Mill-1.1 sal-31.12	130	0
09.0743			Ħut ippreparat jew ippreżervat, sħiħ jew f'biċċiet, iżda mhux ikkapuljat:	Mill-1.1 sal-31.12	5 500	0
	1604 17 00		Sallur			
	1604 19 92		Merluzz (*Gadus morhua, Gadus ogac, Gadus macrocephalus*)			
	1604 19 93		Merlangu (*Pollachius virens*)			
	1604 19 94		Marlozz (*Merluccius* spp., *Urophycis* spp.)			
	1604 19 95		Pollakkju tal-Alaska (*Theragra chalcogramma*) u Pollakkju (*Pollachius pollachius*)			
	1604 19 97		Oħrajn			
	1604 20 90		Laħam ta' ħut ieħor ippreparat jew ippreżervat			

▼M8

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
09.0744	1604 20 10		Laħam tas-salamun ippreparat jew ippreżervat	Mill-1.1 sal-31.12	300	0
09.0745	ex 1605 21 10	20 40 50 91	Gambli u gambli kbar, ippreparati jew ippreżervati, imqaxxra u ffriżati	Mill-1.1 sal-31.12	8 000	0
	ex 1605 21 90	20 40 57 60 91				
	ex 1605 29 00	20 40 45 91				
09.0746	ex 1605 21 10	30 96 99	Gambli u gambli kbar, ippreparati jew ippreżervati, ħlief imqaxxra u ffriżati	Mill-1.1 sal-31.12	1 000	0
	ex 1605 21 90	30 45 49 55 58 62 65 96 99				
	ex 1605 29 00	30 50 55 60 96 99				

▼M8

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
09.0748	1605 10 00		Granċ ippreparat jew ippreżervat	Mill-1.1 sal-31.12	50	0
09.0749	ex 1605 21 10	20 40 50 91	Gambli u gambli kbar, ippreparati jew ippreżervati, imqaxxra u ffriżati	Mill-1.9.2016 sat-30.4.2017	7 000	0
	ex 1605 21 90	20 40 57 60 91		Mill-1.5.2017 sat-30.4.2018	10 500	
	ex 1605 29 00	20 40 45 91		Mill-1.5.2018 sat-30.4.2019	10 500	
				Mill-1.5.2019 sat-30.4.2020	10 500	
				Mill-1.5.2020 sat-30.4.2021	10 500	
09.0750	ex 1604 12 91	11 91	Aringi, imħawrin u/jew ippriżervati fil-ħall, fis-salmura	Mill-1.9.2016 sat-30.4.2017	11 400 tunellata netti mingħajr likwidi	0
	ex 1604 12 99	11 19		Mill-1.5.2017 sat-30.4.2018	17 100 tunellata netti mingħajr likwidi	
				Mill-1.5.2018 sat-30.4.2019	17 100 tunellata netti mingħajr likwidi	
				Mill-1.5.2019 sat-30.4.2020	17 100 tunellata netti mingħajr likwidi	
				Mill-1.5.2020 sat-30.4.2021	17 100 tunellata netti mingħajr likwidi	
09.0751	ex 0704 10 00	90	Pastard, frisk jew imkessaħ	Mill-1.8 sal-31.10	2 000	0

▼M8

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
09.0752	0303 51 00		Aringi *(Clupea harengus, Clupea pallasii)*, iffriżati, eskluži l-fletti tal-ħut u laħam ieħor tal-ħut tal-intestatura 0304 u eskluži l-fwied u l-bajd	Mill-1.1 sal-31.12	44 000	0
09.0756	0304 86 00		Fletti tal-aringi (*Clupea harengus, Clupea pallasii*), iffriżati	Mill-1.1 sal-31.12	67 000	0
	ex 0304 99 23	10 20 30	Ġwienaħ tal-aringi (maqtugħin irqaq) *(Clupea harengus, Clupea pallasii)*, iffriżati			
09.0757	0809 21 00 0809 29 00		Ċiras, frisk	Mis-16.7 sal-31.8	900	0 (5)
09.0759	0809 40 05		Għanbaqar, frisk	Mill-1.9 sal-15.10	600	0 (5)
09.0761	0810 10 00		Frawli, frisk	Mid-9.6 sal-31.7	900	0
09.0762	0810 10 00		Frawli, frisk	Mill-1.8 sal-15.9	900	0
09.0776	1504 20 10		Frazzjonijiet solidi ta' xaħmijiet u ta' żjut tal-ħut, ħlief iż-żjut tal-fwied	Mill-1.1 sal-31.12	384	0
09.0782	0210		Laħam u ġewwieni tal-laħam li jittiekel, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat; dqiq u dqiq miżħun oħxon mil-laħam jew mill-ġewwieni tal-laħam	Mill-1.1 sal-31.12	200	0
09.0783	0705 11 00		Ħass ikkabuċċjat (ħass bir-ras), frisk jew imkessaħ	Mill-1.1 sal-31.12	300	0
09.0784	0705 19 00		Ħass ieħor, frisk jew imkessaħ	Mill-1.1 sal-31.12	300	0
09.0786	0602 90 70		Pjanti ta' ġewwa: biċċiet bl-għeruq u pjanti żgħar, ħlief kakti	Mill-1.1 sal-31.12	EUR 544 848	0
09.0787	1601		Zalzett u prodotti simili, tal-laħam, ġewwieni jew demm; preparazzjonijiet tal-ikel ibbażati fuq dawn il-prodotti	Mill-1.1 sal-31.12	300	0
09.0815	0810 20 10		Lampun, frisk	Mill-1.1 sal-31.12	400	0

▼M8

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
09.0816	2005 20 20		Patata fi flieli rqaq, moqlijin jew moħmijin, kemm jekk melħin jew imħawrin kif jekk le, ġo pakki li jżommu l-arja, tajbin għal konsum immedjat	Mill-1.1 sal-31.12	200	0
09.0817	2309 10 13 2309 10 15 2309 10 19 2309 10 33 2309 10 39 2309 10 51 2309 10 53 2309 10 59 2309 10 70 2309 10 90		Ikel tal-klieb jew tal-qtates, ippreżentat għal bejgħ bl-imnut	Mill-1.1 sal-31.12	13 000	0
09.0818	ex 0304 89 49	10 20	Fletti tal-kavalli, iffriżati	Mill-1.9.2016 sat-30.4.2017	11 300	0
	ex 0304 99 99	11	Ġnub tal-kavalli, iffriżati	Mill-1.5.2017 sat-30.4.2018	16 950	
				Mill-1.5.2018 sat-30.4.2019	16 950	
				Mill-1.5.2019 sat-30.4.2020	16 950	
				Mill-1.5.2020 sat-30.4.2021	16 950	
09.0819	ex 0304 49 90	10	Fletti tal-aringi *(Clupea harengus, Clupea pallasii)*, friski jew imkessħin	Mill-1.9.2016 sat-30.4.2017	9 000	0
	0304 59 50		Ġwienaħ tal-aringi, friski jew imkessħin	Mill-1.5.2017 sat-30.4.2018	13 500	
				Mill-1.5.2018 sat-30.4.2019	13 500	
				Mill-1.5.2019 sat-30.4.2020	13 500	
				Mill-1.5.2020 sat-30.4.2021	13 500	

▼M8

Nru tal-ordni	Kodiċi NM	Subdiviżjoni TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju tal-kwota (%)
09.0820	0305 10 00		Dqiq, pasti u gerbub tal-ħut, tajbin għall-konsum uman	Mill-1.9.2016 sat-30.4.2017	1 000	0
				Mill-1.5.2017 sat-30.4.2018	1 500	
				Mill-1.5.2018 sat-30.4.2019	1 500	
				Mill-1.5.2019 sat-30.4.2020	1 500	
				Mill-1.5.2020 sat-30.4.2021	1 500	

([1]) Hekk kif bejn il-15 ta' Frar u l-15 ta' Ġunju ma hemmx dazju tan-nazzjon l-aktar iffavorit ("MFN"), il-benefiċċju tal-kwota tariffarja mhux se jingħata għall-oġġetti li jiġu ddikjarati għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera matul dan il-perjodu.

([2]) Fir-rigward tal-oġġetti bil-kodiċi NM 0304 99 23, mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Ġunju ma hemmx dazju tal-MFN, il-benefiċċju ta' din il-kwota tariffarja mhux se jingħata għal oġġetti ddikjarati għaċ-ċirkolazzjoni libera matul dan il-perjodu.

([3]) Fir-rigward tal-oġġetti bil-kodiċi NM 0304 59 50, mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Ġunju ma hemmx dazju tal-MFN, il-benefiċċju ta' din il-kwota tariffarja mhux se jingħata għal oġġetti ddikjarati għaċ-ċirkolazzjoni libera matul dan il-perjodu.

([4]) L-entrata taħt din is-subintestatura hija soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea [ara l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1)].

([5]) Id-dazju addizzjonali speċifiku għandu jiġi applikat.